

Brussell, 30 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5069/26

UEM 2
ECB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, rigward l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE
dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali,
rigward l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2025 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije (ECB/2025/42)¹,

¹ ĠU C, C/2026/215, 7.1.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/215/oj>.

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jridu jiġu awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni ta' Banka Slovenije, Mazars, družba za revizijo, d. o. o., ser jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2026. Għalhekk, huwa meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2027 'il quddiem.
- (3) Banka Slovenije għażel lil ERNST & YOUNG Revizija, poslovno svetovanje, d. o. o. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2027 sa 2029,
- (4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li ERNST & YOUNG Revizija, poslovno svetovanje, d. o. o. jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2027 sa 2029.
- (5) B'segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE² tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/1999/70\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/1999/70(1)/oj)).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“13. ERNST & YOUNG Revizija, poslovno svetovanje, d. o. o. huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2027 sa 2029.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President